MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 5/2014

Il-Pulizija

[Spettur Melvyn Camilleri]

Vs

***Omissis***

Illum, 4 ta' Dicembru, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, ***Omissis***, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru ***Omissis***, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'Birkirkara f'xi zmien qabel is-sena 2009 :

1. B'ghemil zieni kkorrompa persuna ta' taht l-eta u cioe lil ***Omissis*** ta' 9 snin liema delitt huwa aggravat ghaliex sar bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta ta' 12-il sena u wkoll ghaliex sar minn axxendent mid-demm ;
2. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi b'xi mezz barra minn dak imsemmmi fl-Artikolu 203(1), eccita, ghen jew iffacilita il-korruzzjoni ta' ***Omissis*** ta' 9 snin ;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi wettaq attentat vjolenti ghall-pudur ta' l-istess minuri ***Omissis*** ta' 9 snin ;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fit-18 ta' Dicembru, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 203(1)(a) u (c) u 204C(1)(2) tal-Kodici Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel(1) imputazzjoni u talli ppartecipa f'attivita' sesswali ma minuri u tikkundannah erba'(4) snin prigunerija. Stante li t-tieni(2) u t-tielet(3) imputazzjoni nghataw bhala alternattiva ghall-ewwel(1) imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-imputazzjonijiet.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perijodu ta' tlett(3) snin millum fejn il-persuni protetti huma l-minuri ***Omissis*** u l-genituri tieghu.

Sabiex tigi protetta l-identita' tal-minuri l-Qorti tordna d-divjiet tal-publikazzjoni ta' isem il-minuri u tal-familjari tieghu u ta' isem l-imputat kif ukol dak ta' ***Omissis*** fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant ***Omissis***, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Dicembru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrefoka fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u talli ppartecipa' f'attivita' sesswali ma' minuri u kkundannatu erba' snin prigunerija u tikkonfermaha fejn l-Ewwel Qorti ma haditx konjizzjoni tat-tieni u t-tielet imputazzjonijijet u ghaldaqstant ma sabitx htija skond dawn iz-zewg imputazzjonijiet u minflok tilliberah minn kull htija u piena u okkorrendo jkun il-kaz, subordinatament tipprovdi ghall-piena aktar mita u idoneja.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi hija l-fehma umli tal-appellant illi l-Ewwel Qorti ma setghatx ragonevolment issib htija ifl-konfront tal-appellant u dan ghar-rigward li ser jigu hawn esposti.

Illi l-appellant umilment jissottometti illi huwa konsapevoli mill-fatt li, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, il-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta f' apprezzament tal-fatti;

Illi madanakollu, huwa wkoll palezi li l-Qorti tal-Appell ghandha s-setgha li taghmel ezami approfondit tal-istess fatti biex tara jekk il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragonevolezza. Fi kliem iehor il-Qorti tal-Appell ghandha s-setagh tara jekk il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti kienetx wahda 'safe and satisfactory' fid-dawl tar-rizultanzi;

Illi ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Giovanni sive John Micallef' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali hekk kif diversament preseduta nhar it-18 ta' Marzu, 2010, fejn il-Qorti rriteniet illi jekk: "*din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." [12.5.94; "ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi" [14.2.1989]; "il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" [31.5.1991] ; "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" [31.5.1991] u ohrajn.*"

Illi f'dan ir-rigward, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-appellant jemmen li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt sabet htija ghall-akkuzi addebitati lilu b'mod li ragonevolment jista' jitqies bhala '*a safe and satisfactory conclusion*';

Illi jibda biex jinghad, illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kellha quddiemha zewg verzjonijiet kunfliggenti ta' kif graw l-avvenimenti li wasslu ghal dan il-kaz.

Illi fil-fatt f'dan il-kaz, il-Qorti tistrieh tista' tghid unikament fuq dak li xehed il-minuri f'dan il-kaz u tiskarta kompletament il-verzjoni tal-fatti li jaghti l-appellant fix-xhieda tieghu;

Illi l-appellant jaghti, sahansitra fl-istqarrija rilaxxata lil Pulizija nhar is-27 ta' Ottubru, 2009 (esebita a fol 17 tal-process), verzjoni tal-fatti li ghandha fis-sewwa fejn jghid li '*Darba fis-sajf, Daniela halliet lil **Omissis** u lil ohtu **Omissis** id-dar mieghi sakemm hija marret tixtri. Kienet marret xi mkien il-boghod li tkun ser iddum. Kont qed nara t-television ma' **Omissis** u nnutajt li **Omissis** kien kwiet. Qomt nittawwal u sibtu fil-kamra t'ommu jilghab b'pupa. Din il-pupa kienet imdahhla fil-qalziet ta' taht. Huwa kellu d-duda mqajjma. Ndunajt li mqajma ghax kienet npputata minn gol-qalziet. Dak il-hin ghedtlu 'raqqadha ja nittien' waqt li missejtu ftit. Huwa bhal staha u tghatta bil-lizar. Jiena ergajt hrigt u mort inkompli nara t-television m'ohtu;*'

Illi l-appellant ghazel li jixhed minn jeddu nhar it-18 ta' Marzu, 2013 (a fol 145) fejn huwa ikkonferma fl-intier taghha l-istqarrija tieghu u kien konsistenti fuq il-verzjoni ta' kif graw il-fatti mertu ta' dan il-kaz;

Illi l-Psikologa Carmen Sammut, li hija esperta mhux inkarigata mill-Qorti u ghaldaqstant meqjusa *ex parte* f'dan il-kaz, tghid fir-relazzjoni taghha a fol 102, partikolarment fil-konkluzjoni '*illi forsi qatt ma wiehed jista' jkun cert mija fil-mija illi l-allegazzjoni ta' abbuz sesswali vera sehhet'* . Tghid ukoll pero' l-probbabilita' qawwija hija li fil-fatt sehhet;

Illi bir-rispett kollu dovut, gialadarba hawnhekk qeghdin fil-kamp penali, il-prova li trid iggib il-prosekuzzjoni hija superjuri ghal dak li probabbli gara;

Illi per ezempju, l-Ispettur Melvyn Camilleri fix-xhieda tieghu traskritta a fol 10 tal-process jghid illi r-rapport kontra l-appellant kien isemmi li l-minuri identifika zewg istanzi meta gara dan il-kaz u mhux wiehed kif issa qed jghid il-minuri fix-xhieda tieghu. Hawnhekk wiehed jistaqsi kif il-minuri l-ewwel identifika zewg kazi li mbghad sar kaz wiehed biss?

Illi kif tghid tajjeb l-ewwel Qorti stess fis-sentenza taghha il-prosekuzzjoni trid tilhaq grad ta' prova li jikkonvinci lil Qorti lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-fatti verament graw. Il-Qorti trid ikollha konvinciment morali qabel issib htija f'imputat li qed jigi gudikat quddiemha.

Illi l-appellant, li sa mill-investigazzjoni tal-kaz, sal process gudizzjarju, dejjem sostna l-innocenza tieghu, jissottometti illi l-Prosekuzzjoni ma lahqitx dak il-livell ta' prova necessarju sabiex htija fil-kamp penali u ghaldaqstant ihoss li l-allegazzjonijiet kontra tieghu ma setghu qatt gew sodisfacentement ippruvati;

Illi d-dubbju, li l-appellant umilment jissottometti m'huwiex semplici ombra ta' dubbju izda sahansitra dubbju ta' certa portata, ghandu jimmilita favur tieghu u ghaldaqstant ghandu jwassal biex huwa jigi liberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravju fuq il-meritu, l-appellant jissottometti illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva u mhux idoneja.

Illi fl-umli opinjoni tal-appellant, il-piena ta' prigunerija ta' erba' snin habs effettivi, ma tiehux in konsiderazzjoni il-fatt li l-appellant ghandu fedina penali kompletament nadifa u li l-allegat fatt, jekk gara, gara darba wahda biss;

Illi l-appellant huwa ragel tal-familja, li dejjem pprova jghati ezempju tajjeb lil famlija u lil ta' madwaru;

Illi minghajr pregudizzju, anki jekk kieku zbalja, l-appellant m'huwiex 'hardened criminal' li jkolli xi disposizzjoni jirrepeti l-agir tieghu fil-konfront ta' xi persuna ohra;

Illi huwa ampjament car, illi anki f'kaz ta' htija, l-appellant ma jixraqlux piena ta' erba snin prigunerija effettiva izda ghandu jinghata piena aktar mita u idonea;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant ***Omissis*** huwa n-nannu matern tal-minuri ***Omissis*** illi fi zmien ir-reat kellu disa' (9) snin. L-appellant kien jabita fl-istess dar mal-minuri u darba minnhom sejjah lill-istess minuri sabiex imur hdejn fis-sodda fejn qallu sabiex jinza' l-qalziet ta' fuq u l-qalziet ta' taht. Il-minuri ghamel hekk u l-appellant allegatment nizel u dahhal f'halqu l-parti privata tal-minuri u ghalkemm il-minuriipprova jnehhilu rasu l-appellant xorta kompla b'dak illi kien qed jaghmel. Sussegwentement l-appellant staqsa lill-minuri sabiex jaghmel l-istess lilu izda dan ma sarx peress illi dak il-hin irritornat id-dar omm il-minuri. Wara xi zmien il-minuri irrakkonta dak illi kien gara lil ommu illi qalet lil zewgha ***Omissis*** li fit-tmintax (18) ta' Ottubru tal-elfejn u disgha (2009) l-istess ***Omissis*** ghamel rapport mal-pulizija li ibnu ***Omissis*** kien gie abbuzat sesswalment minn nannu matern tieghu, cioé l-imputat.

Ghalhekk fil-hamsa (5)  ta' Frar tal-elfejn u ghaxra (2010) l-appellant tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat in konnessjoni ma' korruzzjoni ta' persuna taht l-età.

B'sentenza moghtija fit-tmintax (18) ta' Dicembru tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu b'dana illi t-tieni u t-tielet akkuzi kienu assorbiti fl-ewwel wahda u ikkundannat lill-appellant ghal erba' snin prigunerija u harget ukoll protection order ghal tlett snin fil-konfront ta' ***Omissis***.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ma kinitx "safe and satisfactory" u dana il ghaliex kien hemm konflitt serju tal-provi kif ukoll ir-rapport tal-psikologa Carmen Sammut li kienet tifforma parti integrali tal-provi migjuba kontra l-appellant setghet tikkonkludi biss il-probabilità illi sehh ir-reat, liema grad ta' prova mhuwiex sodisfacenti f'kamp penali.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi l-ewwel Qorti ghamlet studju dettaljat u profond tal-aspett legali u akkademiku ta' dan ir-reat liema studju din il-Qorti pjenament tikkondividi u li mieghu ma tista' zzid xejn. Fil-fatt fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant ma

jsemmi xejn dwar l-aspett legali tal-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti u illimtia ruhu biss ghal dawk iz-zewg aspetti ta' aggravji illi issemma' fil-bidu ta' dawn il-konsiderazzjonijiet. Ghalhekk il-Qorti tghaddi minnufih biex tikkonsidra l-ilment tal-konflitt illi l-appellant qed iqajjem fl-ewwel aggravju tieghu.

Ikkunsidrat:

L-appellant donnu iccensura l-ewwel Qorti ghaliex ghazlet illi tikkonsidra l-verzjoni moghtija mill-minuri kontra dik moghtija mill-appellant. Veru illi hawnhekk ghandek zewg verzjonijiet illi t-tnejn jistghu jkunu veri, kwindi l-appellant qieghed jargumenta illi f'dan il-kaz inholoq dubbju favur tieghu li ma giex akkordat mill-ewwel Qorti kif kienet obbligata taghha. Din il-Qorti wara li fliet sew il-provi illi ngabu fil-konfront tal-appellant ma jidhirx illi dana huwa l-kaz. Dana peress illi huwa stabbilit illi mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Fil-kawza "Il-Pulizija versus Joseph Thorn" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003 il-Qorti qalet, "... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9, u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex se temmenu jew ma temmnux." (ara ukoll "Ir-Repubblika ta' Malta versus Dennis Pandolfino et", 19 ta' Ottubru 2006). Il-Qorti tal-Magistrati ghamlet proprju dan l-ezercizzju u waslet ghall-konkluzjoni illi l-verzjoni moghtija minn ***Omissis*** kienet aktar verosimili minn dik moghtija mill-appellant. Fuq dan l-ewwel Qorti ma tistax tigi censurata u l-konkluzjoni taghha bl-argumenti migjuba ghandhom ikunu konfermati.

Ghal dak li jirrigwarda r-relazzjoni tal-psikologa Carmen Sammut (fol 102) fil-paragrafu konkluzjonali taghha (fol 104) tghid "Jiena nixtieq nikkonkludi billi nghid li avolja forsi qatt ma wiehed jista' jkun cert mija fil-mija li allegazzjoni ta' abbuz sesswali vera sehhet, din l-istorja ghandha hafna elementi li jissuggerixxu b'mod qawwi l-probabiltà li sehhet, u allura nenfazizza l-htiega li tiehu l-attenzjoni li jisthoqilha." Ma hemmx dubbju illi l-ewwel Qorti tat din il-verzjoni kif ukoll ir-relazzjoni ta' Carmen Sammut l-attenzjoni illi jisthoqilha. Però l-appellant deherlu illi l-ewwel Qorti marret oltre peress illi ibbazat konkluzjoni taghha fuq element ta' probabiltà illi issuggeriet l-istess Carmen Sammut, liema grad ta' provi mhuwiex accettabbli fil-kamp penali.

Ikkunsidrat:

Minn ezami akkurat tas-sentenza konkluzjonali l-psikologa Carmen Sammut tghid illi qatt wiehed ma jista' jkun cert mija fil-mija li l-allegazzjoni ta' abbuz sesswali vera sehhet. Fuq dan din il-Qorti taqbel perfettament. Però, c-certezza mhiex mitluba

fil-kamp penali u qatt hadd ma ghandu jippretendi li provi migjuba f'kamp penali ghandhom ikunu mija fil-mija certi. Ic-certezza hija prerogattiva tal-kamp Divin u l-gustizzja umana ma tirrikjedix dan il-livell ghal gudizzju taghha. Il-livell mixtieq fil-kamp penali ghal kundanna ta' persuna huwa dak ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni li huwa anqas mic-certezza però aktar mil-livell tal-probabbli. F'dan il-kuntest però l-Qorti jidhrilha illi ghandha taghmel xi osservazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Il-grad ta' prova "minghajr dubbju dettat mir-raguni" huwa grad tekniku u legali uzat fil-kamp penali biss. Dan il-grad ta' prova muhiex uzat universalment bhalma hija uzata perezempju l-possibbli, il-probabbli u c-certezza. Il-pubbliku u persuni ta' temperament ordinarji ma ma juzawx dan il-kriterju ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni fl-argumenti, diskussjonijiet jew informazzjoni illi wiehed jghaddi lill-iehor, izda huwa grad uzat esklussivament fil-kamp legali limitat ukoll ghall-kamp penali. Kulhadd jitkellem u jikkomunika fil-lingwagg illi jaf u li jifhem hu. U l-istess jinghad ghat-tobba illi huma estranei ghal dan il-kuncett ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni. Din il-Qorti osservat illi fir-relazzjonijiet taghhom it-tobba qatt ma jghidu definittivament kaz jekk huwiex abjad jew iswed izda joqghodu jduru u fl-isfumaturi tal-griz bi kliem bhal "probabbli hafna," "wisq proabbli," u bhal dan il-kaz "... b'mod qawwi l-probabiltà li sehhet. ..." Ghalhekk meta tabib, espert mediku jew psikologa juza dan il-kliem ikun irid ifisser grad aktar oghla mis-semplici probabbli u jkun qed jiddeskrivi fi kliem illi jaf hu l-grad aktar oghla ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni. Dan huwa bizzejjed sabiex l-ewwel Qorti tistrieh fuq dik ir-relazzjoni u tat il-verzjoni ta' ***Omissis*** l-attenzjoni illi jisthoqilha u waslet ghall-konkluzjoni ta' htija ghall-appellant, konkluzjoni illi kienet perfettament raggungibbli mehud in konsiderazzjoni l-provi u c-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz. Fil-fatt kollox jiddependi mill-assiem tal-provi u minn evalwazzjoni tal-fatti illi ghamel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha l-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u ibbazata fuq il-fatti, ma jesplitax lil din il-Qorti illi tissostitwiha b'ohra anke jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli (ara Il-Pulizija versus Brian Caruana, 23 ta' Mejju 2002).

Ghalhekk, ghal dak illi jirrigwarda l-meritu din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz illi din id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti tigi disturbata.

Ikkunsidrat:

Ghal dak illi jirrigwarda l-piena l-principju regolatur hu li mhux normali illi tigi disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi kellha tkun anqas minn dak moghtija (ara "Repubblika versus David Vella", 14 ta' Gunju 1999, "Repubblika versus Eleno sive Lino Bezzina", 24 ta' April 2003). L-ewwel Qorti hadet il-kunsiderazzjonijiet kollha illi kellha tiehu u cioé l-gravità tar-reat, l-età zghira tal-minuri, il-parentela li kien hemm bejn il-minuri u l-appellant u ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-appellant ghandu fedina penali nadifa u l-fatt li l-abbuz sehh f'incident wiehed u deherilha illi f'dan il-kaz, f'dawn ic-cirkostanzi kellha timponi piena karcerarja effettiva. Din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura f'dawn l-argumenti tal-ewwel Qorti u ma hemm xejn x'jindika illi l-piena ghandha tkun inqas minn dak stabbilit mill-ewwel Qorti. Ghalhekk hawn ukoll din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha tiddistuba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata flimkien mal-ordni tal-protezzjoni u mizuri u sanzjonijiet ohra mehuda mill-ewwel Qorti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------